**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**- vs -**

**John Vella**

Illum 26 ta’ Lulju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra John Vella iben Carmel u Georgia xebba Cauchi li joqghod fil-fond Plot 38, Block 2, Soil Street, Xewkija, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 28864 G) akkuzat talli f’Ghawdex b’diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, qabel is-26 ta’ Marzu 1993 u t-18 ta’ Jannar 1997 bhala proprjetarju tal-fond Plot 38, Soil Street, Xewkija, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b’mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mija u seba’ liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm107.48c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens ta’ l-avukat generali sabiex din il-kawza tinstema’ u tkun deciza bil-procedura sommarja kif ukoll in nuqqas ta’ oggezzjoni ta’ l-imputat sabiex din il-Qorti tisma’ u tiddecieda l-kaz bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta illi meta l-inginjiera tal-Korporazzjoni EneMalta kienu qed jibdlu l-meter stallat fil-fond fejn jirrisjedi l-imputat u li huwa registrat bhala l-konsumatur, l-istess inginiera innutaw toqba fuq il-lemin tal-cover tal-meter fil-livell tad-disk. Minkejja dan, l-meter kien qed jirregistra l-konsum b'mod regolari.

Din it-toqba ma kienetx tidher hlief meta nqala' l-meter u kienet inacessibbli fil-posizzjoni li kienet.

Mill-provi jirrizulta ukoll illi t-toqba setghet kienet ilha li saret u ma kien hemm ebda oggett estraneju fil-meter eccetto grif fuq id-disk.

Irrizulta illi l-meter in kwistjoni kien twahhal fil-fond fl-1977 u li l-imputat kien xtara l-fond minghad certu Grezzju Rapa fl-1987. L-imputat xehed illi huwa qatt ma mess dan il-meter b'xi mod li seta' jnaqqasslu r-registrazzjoni ta' konsum u li meta xtara l-fond kollox kien jidher sew rigward sigilli u d-dehra esterna tal-meter.

Ikkunsidrat illi huwa minnu illi l-provvedimenti tal-ligi f'dawn l-akkuzi joholqu presunzjoni juris tantum fuq l-imputat, izda minn ezami tal-provi jirrizulta illi fil-fond kienu joqghodu zewg persuni in segwitu u cioe` l-konsumatur originali Grezzju Rapa segwit bl-imputat wara li xtara l-fond minghandu; Mir-record of consumption jirrizulta konsum ta' cirka tmien units ta' kurrent elettriku wara li nbidel l-meter u fil-passat kien jirrizulta medja ta' sitta punt tnejn units. Illi din il-medja ma tirrispekjax ir-raguni ghaliex l-imputat seta' ghamel dak li ghalih qed iwiegeb illum. Id-difiza tajjeb osservat illi mhux saput il-konsum wara li nbidel il-meter u dan sabiex juri jekk dan il-konsum hux wiehed li jqarreb lejn dak bil-meter l-antik li minkejja t-toqba kien jirregistra b'mod regolari. Mill-assiem tal-provi inkuz mix-xhieda ta' l-imputat, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex temmen id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess imputat u cioe` illi huwa ma ghamel xejn biex b'xi mod ivarja ir-registrazzjoni tal-konsum tal-meter wara li xtara l-fond minghand l-awtur tieghu;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur